**SETTEMBRU 2019 - Nru. 476**

it-Triq
ma' KRISTU
l-ferħ possibbli

Mhux kulħadd hu minnu nnifsu ġeneruż.
Issib min jitħabat miegħu innifsu biex jipprova jkun ġeneruż ma' ħaddieħor għax jinkwieta li r-riżorsi li għandu (flus, oġġetti, propjetà) mhumiex biżżejjed biex jaffordja jagħti lill-oħrajn.
Issib min moħħu biex iġemma kemm jiflaħ għall-'futur', u allura għalih li jagħti milli għandu jmur kontra din il-ħtieġa li jħoss.

Però nafu sew li l-bniedem idejali hu dak il-bniedem ġeneruż. Kulħadd jammira lill-persuni li jkunu lesti li jgħinu, li jagħtu milli għandhom. Speċjalment dawk li jkunu għenu lilna meta konna fil-bżonn.



# Fejn hu *MOĦĦOK* ?

Int li qed taqra bħalissa, tixtieq takkwista aktar milli ħaqqek?
Lest tieħu dak li mhux tiegħek?
Moħħok biex il-ħin kollu takkwista minn fuq dahar ħaddieħor ... flus, poter, ġieħ jew unuri?

Jekk iva, dawwar ir-rotta tiegħek qabel ikun tard wisq. Ibda ġarrab ferħ dejjiemi u ta' veru billi tibda tkun ġeneruż ma' ħaddieħor.

# Talenti

*Editorjal*

*fuljett ta' kull xahar maħruġ minn grupp ta' talb fost Il-ħaddiema*

**Nru. 476**
**Settembru 2019**

Ħbieb,
Naħseb kulħadd jafha l-parabbola tat-talenti (Mt.25,14-19), fejn Ġesù qalilna li wieħed raġel, qabel ma siefer, qassam it-talenti lill-qaddejja tiegħu. Lil wieħed tah ħames talenti, lill-ieħor tnejn, u lill-ieħor wieħed, kull wieħed skont il-ħila tiegħu. Nafu kif dak li kien ħa l-ħames talenti mar minnufih iħaddimhom u qala' ħamsa oħra. Hekk ukoll dak li kien ħa tnejn qala' tnejn oħra. Iżda dak li ħa wieħed mar ħaffer fl-art u ħeba flus sidu. Wara ħafna, sid dawk il-qaddejja reġa' lura u beda jagħmel il-kontijiet magħhom.

Iva ħbieb, il-Mulej lilna lkoll tana xi ħaġa sabiħa li aħna msejħin sabiex inħaddmuha. Ilkoll għandna responsabbiltajiet differenti, min ħaġa u min oħra. Aktar ma jkollna viżjoni ċara tal-imħabba ta' Alla lejna, aktar nistgħu napprezzaw dak li tana u allura nirsistu sabiex nagħmlu ġid b'dak li tana.

Imma minn din il-parabbola nitgħallmu wkoll kemm hawn min għandu ideja ħażina ta' Alla. Hekk jgħid dak li kien irċieva talent wieħed fil-parabbola meta deher quddiem is-sid tiegħu: "Sinjur, lilek nafek bħala raġel aħrax, taħsad fejn ma żrajtx u tiġbor fejn ma xerridtx".

Kemm hawn min għandu din l-istampa ta' biża' meta jitkellem fuq il-Mulej Alla. Imma, fil-verita', Alla tagħna huwa Alla li jafdana, li jurina kemm iħobbna meta jafdalna tant talenti kif turi din il-parabbola. Il-Mulej li tana l-ħajja fdalna l-ħolqien, id-dinja fejn qed ngħixu, il-proxxmu li niltaqgħu miegħu ta' kuljum. Dawn tahomlna biex ngħożżuhom, intejbuhom u nsebbħuhom.

Mela attenti sabiex il-ħolqien ta' Alla ntejbuh mhux inħassruh, u t-talenti li għandna nħaddmuhom għall-ġid tal-umanità.

Għajnejn kulħadd kienu fuqha. Miljuni segwew it-televiżjoni. Korrispondenti minn madwar id-dinja kollha għatxana għal xi kumment mingħandha. Mara li kienet qabżet is-sebgħin sena, iżda li l-popolarità tagħha kienet qed tikber mal-età.

# Premju għall-foqra



Is-sala mtliet ċapċip li jtarrax malli l-organizzaturi ppreżentaw il-Premju Nobel għall-Paċi lil Madre Teresa. 'Mhux għalija, imma għall-foqra. Ser nagħmel il-ħajja ta' bosta isbaħ milli kienet ilbieraħ,' hija ddikjarat malli rċeviet il-Premju 40 sena ilu, u li kien jammonta għal 150,000 dollaru Amerikan.

Iżda l-qaddisa Madre Teresa kienet qed taħseb. Ħsiebha mar lura bosta snin meta kienet ferm iżgħar. Waslet fl-Indja u bdiet tgħallem f'kulleġġ tax-xebbiet immexxi mis-Sorijiet ta' Loreto. Tiftakar sew f'dak il-jum meta ħarġet mal-istudenti tagħha għal dawra edukattiva f'Kalkutta. Dakinhar flok ħadithom fin-naħa sinjura tal-belt, għażlet li turihom in-naħa l-fqira.

Baqgħet skantata b'dak li rat dakinhar ... Irġiel, nisa, żgħażagħ, tfal u xjuħ, mijiet, eluf ... mitluqa f'ġenb it-triq għal mejta. U n-nies li kienu għaddejjin minn hemm lanqas biss jagħtu kashom. U f'qalbha karbet 'imsieken' waqt li leħen ġewwieni ħeġġigħa: 'Agħmel xi ħaġa int għalihom'. Imma hi x'setgħet tagħmel? Mara barranija, soru f'kunvent. Diġà kienet għamlet ħafna għall-Indjani, ħalliet pajjizha, niesha, ħbiebha, biex tgħinhom. Imma l-leħen baqa' jinsisti: 'Agħmel xi ħaġa int għalihom!'

Ma qalitx 'le' għal din is-sejħa. Bdiet mix-xejn imma għamlet li setgħet u l-Mulej għenha bis-sħiħ. Fl-10 ta' Settembru 1946 - 33 sena qabel il-Premju Nobel - bdiet bil-ħidma tagħha. U ħidmietha tferrxet mad-dinja kollha. Għax din il-mara twajba li 3 snin ilu saret qaddisa ħajret eluf biex bħalha jiddedikaw ħajjithom għall-ifqar fost il-fqar.

Kemm kienet tkun ifqar id-dinja kieku Madre Teresa ma tatx kas ta' dak il-mument qaddis meta rat il-miżerja f'Kalkutta.



# Int żagħżugħ?

Biex tibqa' tħossok żagħżugħ, tintilifx fuq ħafna qisien u numri bla bżonn, u dawn jinkludu l-età, il-piż, it-tul ...

Madwarek żomm ħbieb li jferrħuk. Il-pessimisti m'għandekx xi tridhom għax iġibulek dwejjaq.

Ibqa' dejjem titgħallem. Komputer, xogħol tal-idejn, fuq il-fjuri u l-pjanti, passatempi oħra ... Tħallix moħħok jitgħażżen. Moħħ għażżien hu għodda tax-xitan, jgħidu. U veru hekk hu!

Ifraħ b'affarijiet sempliċi. Apprezza l-ħajja sempliċi; il-ħwejjeġ verament prezzjużi tal-ħajja ma jiswewx flus.

Tbissem u idħaq spiss, ħu l-ħajja kif tiġi u ipprova dejjem kun ottimist.

Id-dmugħ jiġi kultant, għax hekk hi l-ħajja. Issaporti, ġarrab id-dwejjaq b'kuraġġ, imma mbagħad kompli għaddej! Tiqafx hemm.

Agħti kas ta' saħħtek. Jekk hi tajba, ħu ħsiebha, jekk hi batuta, sib l-għajnuna meħtieġa. Tittraskurax saħħtek!

Ma' kull okkażjoni li jkollok, għidilhom lil dawk li tħobb li inti tħobbhom.

---

It is not the length of life, but the DEPTH.

---

## *Niftakru fit-talb tagħna ...*

... fir-ruħ ta' **MICHAEL BUSUTTIL**, li kien jaħdem fis-sezzjoni tas-Supplies tal-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u s-Solidarjetà Soċjali.

# Zokk li jsalva



Bruno Ferrero, awtur Taljan, jirrakkonta din l-istorja:

‘Kont qed inżur familja ħbieb tiegħi, li daħħluni fis-salott tagħhom: salott tabilħaqq sabiħ imżejjen bl-isbaħ għamara, bi statwetti tal-alabastru u tal-kina fini u artistiċi. Imma fin-nofs kien hemm zokk ta’ siġra, bla sura u jistona mal-bqija tal-għamara madwaru. Ħsibt bejni u bejn ruħi: Donnu li dan iz-zokk għandu sinifikat speċjali għal din il-familja!’

Dlonk wieħed mill-ħbieb tiegħi intebaħ bil-kurżità li qabditni u qalli: Bruno, dan iz-zokk iġorr storja ta’ tfuliti. Kont għadni daqsxejn ta’ ġuvnott, u l-hena tiegħi kien li niġri u nilgħab fl-għelieqi li kellu n-nannu. Darba waħda, wara ġranet sħaħ ta’ silġ ma jaqta’ xejn, ħarġet ix-xemx, u jien man-nannu tlaqna nimxu fl-għelieqi. In-nannu wissieni biex nibqa’ qrib tiegħu imma jien, ta’ mqareb li kont, tlaqt nimxi għal rasi sakemm ħin minnhom, is-silġ li kont miexi fuqu nqasam u sibt ruħi f’għadira fonda, f’ilma nġazzat. Bdejt ngħajjat kemm niflaħ għall-għajnuna. Ma damx wisq ma tfaċċa n-nannu, jiġri kemm jiflaħ, nifsu maqtugħ iġorr dan iz-zokk li qed tara. Newwilhuli u qalli biex inżomm miegħu, waqt li n-nannu beda jiġbed sakemm wassalni sa fejn stajt nitla’ fuq l-art.

Dik kienet l-aħħar lejla għan-nannu. Filgħodu sibnieh mejjet; qalbu ma felħitx għal dik il-battikata. Ħalla ħajtu għalija biex isalvani. Għalhekk hu għażiż dan iz-zokk għalija,’ temm jgħid il-ħabib ta’ Bruno.

Kristu Ġesù lilna lkoll salvana b’zokk ta’ siġra li miet fuqu għalina. Għeżież, napprezzaw xejn dan il-fatt li Ġesù ħalla ħajtu għalina sabiex ġabilna s-salvazzjoni?

# Xi jgħidu l-atturi (*minbarra li jirreċtaw*) ... ?



"Prayer helped me with the loss of my wife to cancer and with a child who had fallen on tough times. Now prayer helps me to be a father, to be an actor and to be a man"
**Pierce Brosnan**



"Fear is the number one emotion that we're spending tremendous amounts of brainpower to cover up."
**Jodie Foster**



"The great gift of human beings is that we have the power of empathy." - **Meryl Streep**



"You can close your eyes to the things you don't want to see, but you can't close your heart to the things you don't want to feel." - **Johnny Depp**



# Niżżel fid-djarju tiegħek

*Il-Ġimgħa, 6 ta' Settembru 2019* - **L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar**
Id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù għandha tħeġġiġna sabiex f'xi ħin tal-ġurnata nattendu għall-quddies u nkunu disposti li nitqarbnu;

*Is-Sibt, 7 ta' Settembru 2019* - **L-Ewwal Sibt tax-Xahar**
Tkun ħaġa sabiħa li fl-ewwel Sibt tax-xahar nattendu għall-quddies u nkunu disposti li nitqarbnu, kif ukoll ngħidu r-Rużarju b'devozzjoni lejn il-Qalb bla tebgħa ta' Marija;

*Il-Ħadd, 8 ta' Settembru 2019* - **It-Twelid tal-Verġni Marija**
Dan hu jum għażiż li fih infakkru t-twelid tal-Madonna. Mela ninġabru madwarha sabiex nifirħu magħha f'dan il-*birthday* tagħha. Billi din is-sena dil-festa taħbat il-Ħadd, se tkun okkażjoni tajba biex inferrħu iktar lil Marija bis-smigħ tal-Quddiesa.

# Mis-suq tal-ħajja



Issuktajt indur mas-suq tal-ħajja! Meta, f'daqqa waħda, tfaċċat quddiem wiċċi il-Kelma tal-kelmiet! Il-kelma li l-Appostlu jikteb lil Timotju!

*Nitolbok l-ewwelnett li jsiru suppliki, orazzjonijiet, talb u radd il-ħajr għall-bnedmin kollha; għas-slaten, għal dawk kollha li għandhom xi awtorità, biex inkunu nistgħu ngħaddu ħajja fil-kwiet u fis-sliem, fit-tjieba u kif jixraq. Dan hu tajjeb u jogħġob lil Alla s-Salvatur tagħna, li jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu biex jagħrfu l-verità* (1 Tim 2:1-4).

Kemm qed nitlob għal min għandu xi forma ta' awtorità biex ikun jista' jgħix fil-kwiet, fis-sliem, fit-tjieba u kif jixraq hu u anki lil dawk li hu jmexxi? Tgħid talb bħal dan ma jogħġobx lill-Mulej?

*Patri Mario Attard OFM Cap*

## Drops Of Laughter

Question: What do you call ghosts mom and dad?
Answer: Transparents.

Question: What did the daddy chimney say to the baby chimney?
Answer: You are too little to smoke.

Question: Who can shave ten times a day and still have a beard?
Answer: A barber

Question: What kind of lights did Noah use on the ark?
Answer: Flood lights.

## Drops Of Wisdom

Hell has three gates: lust, anger and greed - Bhagavad Gita

Instead of loving people and use money, people often love money and use people - Wayne Gerard Trotman

Earth provides enough to satisfy every man's needs, but not every man's greed - Mahatma Gandhi

Human greed is like sea water; the more you drink the more thirstier you become - aditya pandeypandey

Il-ħarġa tal-fuljett tagħna għal dan ix-xahar ta' Settembru 2019 qed niddedikawha lil diversi ħbieb li ġentilment għamlu offerti għall-ispejjeż ta' dan il-fuljett. Waqt li nirringrazzjawhom, inwegħduhom it-talb tagħna. Grazzi. Id-Direzzjoni

*Jekk tixtieq twaqqaf l-abbonament tiegħek f'dan il-fuljett, nitolbuk tinforma lid-direzzjoni billi tiktbilna fl-indirizz postali jew elettroniku li jidhru hawn taħt.*

---

Kull korrispondenza għandha tintbagħat lil: Paul Schembri
Indirizz: 73 'Terezita' Triq Birbal Balzan BZN 9015
Tel: 21440384 e-mail: it-triq@camline.net.mt w: www.it-triq.org